KUNSILL LOKALI L-GĦASRI

RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV

Jannar – Diċembru 2015

WERREJ

1. Introduzzjoni mis-Sindku
2. Il-Kunsill
3. Il-Finanzi u x-Xogħol tal-Kunsill
4. Varjazzjoni fid-Dħul u l-Infieq
5. Dikjarazzjoni ta' Rikonċiljazzjoni mal-Bank
6. Rapport ta' l-Awdituri u l-'Financial Statements'

1.0 Introduzzjoni mis-Sindku

Il-Kunsill Lokali L-Għasri huwa organizzat b'tali mod li jkun jista' jiffunzjona tajjeb sabiex jaqdi l-bżonnijiet tar-residenti ta' dan ir-raħal. Dan hu rendikont tax-xogħolijiet li wettaq il-Kunsill għall-ġid tar-raħal tagħna. Nibdew billi nsemmu x-xogħol li jsir permezz tal-kuntratti li għandna ma' diversi kuntratturi.

Il-Kunsill huwa responsabbli mill-indafa u manutenzjoni tat-toroq kemm urbana kif ukoll taż-żona mhux urbana. Il-ġbir ta' skart domestiku, skart riċiklabbli u skart goff isir ukoll mill-Kunsill. Insemmi l-ġbir ta' l-skart riċiklabbli kull nhar ta' Tlieta u l-ġbir ta' ħġieġ riċiklabbli kull l-ewwel Ħamis tax-xahar li jsir mill-Green mt.

Il-Kunsill jieħu ħsieb ukoll it-tindif tal-latrina pubblika. Il-Kunsill huwa sodisfatt mis-servizzi li qed jieħu mill-kuntratturi konċernati u kull meta kien hemm bżonn dejjem sibna l-koperazzjoni tal-istess kuntratturi.

Il-lampi tat-toroq jaqgħu wkoll taħt ir-responsabilta tal-Kunsill. Din is-sena ir-Reġjun ta' Għawdex imbarka fuq proġett b'finanzjament mill-Unjoni Ewrpojea fejn il-lampi kollha inbidlu għal sistema tal-LED. Għalhekk dawn il-lampi huma ferm iktar effiċjenti. Ta' min isemmi li meta lampa tkun difettuża xorta għandha tiġi rapportatha mal-Kunsill u minn naħa tagħna mill-ewwel ngħaddu r-rapport lill-kuntrattur biex issir il-manutenzjoni meħtieġa.

Il-Kunsill jieħu ħsieb biex jagħmel tabelli tat-traffiku ġodda jew ibiddel dawk li jkunu fi stat ħażin. Il-marki tat-traffiku fit-toroq huma wkoll fir-responsabilta' tal-Kunsill.

Issa ser ngħaddi biex insemmi xi servizzi li joffri l-Kunsill. Il-Kunsill joffri servizz ta' 'internet' b'xejn minn żewġ postijiet differenti, mill-uffiċċju tal-Kunsill, u anke mill-Pjazza s-Salvatur.

Anzjani mir-raħal tagħna komplew jattendu d-Day Centre t'Għajnsielem. F'dan iċ-Ċentru isiru diversi attivitajiet interessanti għall-anzjani. Trasport għal dan iċ-Ċentru qed jiġi mħallas mill-Kunsill. Dan d-Day Centre qed jitħaddem wara li sar ftehim bejn il-Ministeru Għal Għawdex, il-Kurja u l-Kunsilli Lokali li jagħmlu użu mill-istess Ċentru.

Il-Kunsill kompla żied il-kotba fuq l-ixkaffi tal-librerija tagħna. Hawn ta' min isemmi li l-Kunsill ibbenefika minn skema speċjali dwar libreriji mnedija mid-Dipartiment għall-Kunsilli Lokali. Biex jibbenefika minn din l-iskema l-Kunsill ried jonfoq l-istess ammont mill-fondi tiegħu. Għalhekk biex il-Kunsill seta' jieħu l-massimu mill-fondi speċjali, xtrajna b'aktar minn €1,200 f'kotba u b'hekk il-Kunsill ingħata s-somma ta' €600 lura minn għand id-Dipartiment.

Il-Kunsill qed jibbenefika mill-iskema ta' xogħol fil-komunita tal-ETC. Il-Kunsill għandu s-servizz ta' ħaddiem wieħed li qed jagħmel xogħol ta' manutenzjoni li jkun hemm bżonn f'diversi inħawi fir-raħal tagħna. Jagħmel xogħol simili għandna ħaddiem ieħor li qiegħed taħt l-iskema tal-ħaddiema ex WSC.

Il-Kunsill qed joffri lir-residenti tar-raħal tagħna kors dwar il-ħjata. Dan il-kors qed isir darba fil-ġimgħa matul is-sena skolastika. Għal dan il-għan il-Kunsill kien xtara wkoll magna tal-ħjata u b'hekk dawk li jattendu jkunu jistgħu jipprattikaw dak li jitgħalmu.

Matul din is-sena ġiet organizzata kampanja favur il-qari fost it-tfal żgħar. Fis-sala tal-Kunsill ġew organizzati lezzjonijiet 'Read with me'. Dawn il-lezzjonijiet saru bil-koperazzjoni tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Matul ix-xhur tas-sajf il-Kunsill organizza ukoll diversi korsijiet kemm edukattivi kif ukoll tal-Arti. Dawn saru fis-sala tal-Kunsill u nistgħu ngħidu li kelna lezzjonijiet kuljum matul is-sajf kollu.

Servizz ieħor li qed jingħata mill-uffiċċju tal-Kunsill tagħna huwa dak tal-Posta fejn għandna Sub Post Office. Huma ħafna r-residenti li jagħmlu użu minn dan is-servizz li żgur qed ikun ta' kumdita kbira għalihom.

Il-Kunsill jieħu ħsieb li jorganizza wkoll attivitajiet kulturali matul is-sena. Ta' kull sena il-Kunsill jorganizza attivitajiet biex ifakkar Jum L-Għasri. Mons. Ġużepp Żammit ġie nominat u magħżul mill-Kunsill biex jingħata l-Premju Ġieħ L-Għasri 2015.

Saru attivitajiet oħra matul is-sena fosthom fi żmien il-festa tar-raħal tagħna fejn jiġu organizzati logħob għal kulħadd u anke tiġrijiet taż-żwiemel.

Il-Kunsill organizza diversi ħarġiet matul is-sena. Fit-18 ta' Lulju ġiet organizzata ħarġa għaż-żgħażagħ. Hawn nixtieq insemmi li aktar kmieni din is-sena Matthew Attard ġie maħtur bħala l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ il-ġdid. F'isem il-Kunsill nirringrazzja lil Mario Mizzi li serva bħala Ambaxxatur taż-Żgħażagħ fis-sentejn ta' qabel. L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ qed jgħin lill-Kunsill fl-organizzazjoni ta' diversi attivitajiet.

Fil-25 ta' Awwissu organizzajna ħarġa bil-Calypso Train fejn morna dawra madwar postijiet ta' interess f'Għawdex stess. Fil-5 ta' Settembru organizzajna ħarġa għal Splash And Fun f'Malta. Din is-sena f'Settembru organizzajna ukoll ġita ta' tlett ijiem fi Sqallija. Ta' min isemmi li l-attendenza għal dawn l-attivitajiet u ħarġiet dejjem kienet waħda tajba ħafna.

Fid-29 ta' April il-Kunsill iltaqa' mal-Isqof ta' Għawdex l-E.T. Mons Mario Grech. Matul din il-laqgħa ġew diskussi diversi suġġetti u kien hemm qbil li l-Knisja u l-Kunsill għandhom ikomplu jaħdmu u jikkolaboraw flimkien għal ġid tal-komunita' tal-Għasri.

Din is-sena l-Kunsill ħa sehem fil-European Week for Waste Reduction magħrufa fil-qosor bħala EWWR. Bil-koperazzjoni ta' Greenmt ġbarna skart riċiklabbli permezz tal-borża l-griża filwaqt li organizzajna ukoll ġbir ta' ħwejjeġ li ma jkunux għadhom jintużaw. Din l-attivita kienet ta' suċċess u għalhekk hemm il-ħsieb li jerġgħu isiru fil-futur.

Fi żmien il-Milied il-Kunsill qed jorganizza tlett attivitajiet li għalihom ikolna parteċipazzjoni tajba ħafna. L-attivitajiet ta' żmien il-Milied ikunu mmirati għal kulħadd u l-attendenza tagħkom waqt l-istess attivitajiet timlina bil-kuraġġ biex inkomplu norganizzaw attivitajiet simili.

Ngħaddi biex insemmi xi xogħlijiet importanti li saru matul din is-sena.

Nibda biex insemmi xogħol li forsi ma tantx jidher iżda bħala Kunsill qed jaħlilna ħafna riżorsi u finanzi. Qed nirreferi għal xogħol li jsir fiż-żona mhux urbana, fil-kampanja sabiħa li għandna f'L-Għasri. It-toroq ta' dawn l-inħawi huma magħmulin mit-turba, jiġifieri żrar u ramel. Għalhekk wara kull maltempata kbira dawn it-toroq iġarrbu ħsarat kbar. Il-Kunsill bil-koperazzjoni tal-Ministeru Għal Għawdex bena diversi ħitan li kienu iġġarfu u diversi toroq jiġu livellati mill-ġdid u b'hekk ir-residenti speċjalment il-bdiewa ikollhom aċċess aħjar f'dawn l-inħawi. Hawn nixtieq nirringrazzja lill-Ministeru Għal Għawdex tal-koperazzjoni tagħhom fejn mhux biss qed jibgħatu l-ħaddiema iżda meta ikun possibbli għalihom jagħtuna l-ġebel u materjal ieħor li jkun hemm bżonn. Minn naħa tiegħu l-Kunsill qed jagħmel xogħol ta' taħmil li jkun hemm bżonn u anke xtrajna l-konkos fejn kien meħtieġ. Fl-aħħar xhur il-Kunsill għamel diversi storm water culverts fl-inħawi ta' Triq Wied L-Għasri. B'hekk qed intaffu mill-problema tal-ilma tax-xita li tagħmel ħafna ħsara lill-istess triq. Il-Kunsill jixtieq li din it-triq tinkesa bit-tarmak jew issir bil-konkos iżda m'għandnix finanzi biżżejjed biex inwettqu dan il-proġett. Għalhekk saret talba lill-Ministeru għal Għawdex biex meta jkun possibbli isir dan ix-xogħol.

Il-Kunsill qed jipprepara lilu innifsu sabiex jakkwista art kbira wara l-Knsija parrokkjali wara li din tiġi kklassifikata bħala open space għall-pubbliku. Meta din l-art tgħaddi f'idejn il-Kunsill aħna se nistiedu lill-pubbliku sabiex jgħinna niżviluppaw din il-ħolma ta' poplu f'waħda tanġibli.

Nagħlaq billi nirringrazzja lill-sħabi l-Kunsilliera kollha tal-għajnuna u l-appoġġ kontinwu li jagħtuni matul is-sena u lill-ħaddiema kollha tal-Kunsill.

Dr Daniel Attard
Sindku

2.0 Il-Kunsill

Il-Kunsill huwa iffurmat hekk :-

		Parteċipazzjoni fil-Laqgħat
Sindku	Dr Daniel Attard	100%
Viċi Sindku	Emanuel Mintoff	100%
Kunsillier	Joseph Farrugia	100%
Kunsillier	Frank Formosa	100%
Kunsillier	Alessandra Maria Mifsud	66.6%
Segretarju Eżekuttiv	Ruben Cassar	

Is-Seba' Kunsill Lokali L-Għasri ġie elett f'Marzu 2013 u ser iservi għal sitt snin sal-2019

3.0 Il-Finanzi u x-Xogħol tal-Kunsill

Organizzazjoni



Attivitajiet Ġenerali

Matul is-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2015, il-Kunsill Lokali ta' L-Għasri kompla bil-ħidma tiegħu għal ġid tar-residenti tiegħu.

Fil-fatt il-Kunsill kompla bil-kuntrattti li kellu u ħareg kuntratti ġodda jew ġedded il-kuntratti li kienu se jgħalqu biex ikun jista' iwettaq il-ħidma tiegħu skond il-liġi tal-Kunsilli. Dawn huma x-xogħlijiet li jwettaq regolarment il-Kunsill :-

1) Il-Ġbir ta' skart domestiku u kummerċjali inkluż skart separat
2) Tindif tal-Latrina Pubblika
3) Il-Knis tat-toroq
4) Ġbir ta' skart goff
5) Tindif u manutenzjoni ta' 'Soft Area'
6) Manutenzjoni ta' tabelli tat-Traffiku u marki tat-traffiku fit-toroq
8) 'Upkeep & Maintenance' ta' toroq u bankini
9) Tindif ta' toroq f'postijiet mhux urbani
10) Servizz ta' Gwardjani Lokali
11) Tiswija u installazzjoni ġodda ta' lampi tad-dawl (LED) fit-toroq

Il-Kunsill qed jagħmel sforz sabiex bl-anqas spejjeż possibbli jieħu l-aħjar servizz minn għand il-kuntratturi li magħhom għandu kuntratt.

Il-Kunsill jirċievi diversi ilmenti minn għand ir-residenti. Ħafna drabi l-ilmenti ikunu ġustifikati. Il-Kunsill jieħu nota tal-ilmenti kollha u dawk l-ilmenti li jaqgħu taħt ir-responsabilta' tiegħu jiġu ittrattati fl-iqsar żmien possibbli. L-ilmenti li ma jkunux

responsabilta' tal-Kunsill jitwasslu lill-Awtoritajiet konċernati permezz tas-sistema online tal-Customer Care.

Il-Kunsill wettaq diversi xogħlijiet oħra, iżda minbarra dawn il-Kunsill jieħu ħsieb jorganizza attivitajiet kulturali u soċjali. Il-Kunsill jorganizza attivitajiet fi żmien il-Milied, fi żmien il-festa tar-raħal u anke fl-okkażjoni ta' Jum L-Għasri.

Tajjeb li wieħed isemmi ukoll id-'Day Care Centre' li jinsab f'Għajnsielem u li fih jattendu kull nhar ta' Tlieta anzjani mill-Għasri flimkien ma' anzjani minn rħula oħra.

Il-Kunsill huwa sodisfatt bix-xogħol li qed iwettaq u jittama li b'aktar fondi kemm minn naħa tal-Gvern Ċentrali kif ukoll minn programmi tal-Unjoni Ewropeja, fis-snin li ġejjien ikun jista' iwettaq aktar xogħol importanti f'L-Ghasri.

Ruben Cassar
Segretarju Eżekuttiv

4.0 Varjazzjoni fid-Dħul u l-Infieq

4.1 Consolidated Income and Expenditure Variations Schedule

	a	b	c	a-b/b-a	a-c/c-a
DESCRIPTION	**YEAR ACTUAL (EURO)**	**YEAR BUDGET (EURO)**	**YEAR-1 ACTUAL (EURO)**	**YEAR BUDGET VAR (EURO)**	**YEAR ACTUAL VAR (EURO)**
Income	2015	2015	2014	2015	2014
Government	145,167.27	192,524.82	147,685.27	(47,357.55)	(2,518.00)
Bye-laws	2,302.62	1,300.00	2,009.73	1,002.62	292.89
Investment	116.42	100.00	84.36	16.42	32.06
TOTAL	**147,586.31**	**193,924.82**	**149,779.36**	**(46,338.51)**	**(2,193.05)**
Expenditure					
Personal emoluments	53,140.86	53,725.00	51,555.21	584.14	(1,585.65)
Operations and maintenance	93,287.92	110,300.00	86,652.97	17,012.08	(6,634.95)
Capital Expenditure	20,520.71	24,500.00	36,335.64	3,979.29	15,814.93
TOTAL	**166,949.49**	**188,525.00**	**174,543.82**	**21,575.51**	**7,594.33**
Balance	**(19,363.16)**	**5,399.82**	**(24,764.46)**	**(67,914.02)**	**(9,787.38)**

4.0 Varjazzjoni fid-Dħul u l-Infieq (tkompli)

4.2 Detailed Income Variations Schedule

DESCRIPTION	a YEAR ACTUAL (EURO)	b YEAR BUDGET (EURO)	c YEAR-1 ACTUAL (EURO)	a-b YEAR BUDGET VAR (EURO)	a-c YEAR ACTUAL VAR (EURO)
Income	2015	2015	2014	2015	2014
Government					
Annual	163,697.62	162,000.00	157,804.00	1,697.62	5,893.62
Supplementary	1,438.94		5,323.53	1,438.94	(3,884.59)
Special needs	1,600.00	20,000.00	9,658.00	(18,400.00)	(8,058.00)
Public/government entities	3,195.17		730.85	3,195.17	2,464.32
Other b/f	(24,764.46)	10,524.82	(25,831.11)	(35,289.28)	1,066.65
	145,167.27	**192,524.82**	**147,685.27**	**(47,357.55)**	**(2,518.00)**
Bye-Laws					
Community Services	369.13	500.00	689.84	(130.87)	(320.71)
Contravention of bye-laws	332.10	200.00	319.08	132.10	13.02
Contributions and donations					
General	1,601.39	600.00	1,000.81	1,001.39	600.58
	2,302.62	**1,300.00**	**2,009.73**	**1,002.62**	**292.89**
Investment					
Bank interest	116.42	100.00	84.36	16.42	32.06
Government securities					
	116.42	**100.00**	**84.36**	**16.42**	**32.06**
TOTAL	**147,586.31**	**193,924.82**	**149,779.36**	**(46,338.51)**	**(2,193.05)**

4.0 Varjazzjoni fid-Dħul u l-Infieq (tkompli)

4.3 Detailed Expenditure Variations Schedule

DESCRIPTION	a YEAR ACTUAL (EURO)	b YEAR BUDGET (EURO)	c YEAR-1 ACTUAL (EURO)	b-a YEAR BUDGET VAR (EURO)	c-a YEAR ACTUAL VAR (EURO)
Expenditure	2015	2015	2014	2015	2014
Personal Emoluments					
Mayor's allowance	7,048.32	7,200.00	6,868.20	151.68	(180.12)
Employee salaries and wages	33,342.11	33,500.00	32,114.05	157.89	(1,228.06)
Bonuses	405.30	400.00	2,805.00	(5.30)	2,399.70
Income supplements	363.40	375.00	363.40	11.60	
Social Security contributions	3,039.92	3,350.00	3,004.56	310.08	(35.36)
Allowances	2,541.81	2,500.00		(41.81)	(2,541.81)
Councillor's Allowance	6,400.00	6,400.00	6,400.00		
	53,140.86	**53,725.00**	**51,555.21**	**584.14**	**(1,585.65)**
Operations and maintenance					
Utilities	2,099.42	3,500.00	2,594.19	1,400.58	494.77
Materials and supplies	226.59	400.00	89.83	173.41	(136.76)
Repair and upkeep	35,132.28	40,000.00	24,606.79	4,867.72	(10,525.49)
Rent	395.99	500.00	395.99	104.01	
Memberships-Loc Org.	600.00	600.00	500.00		(100.00)
Office services	1,894.29	1,000.00	847.79	(894.29)	(1,046.50)
Transport	1,444.60	1,400.00	1,170.30	(44.60)	(274.30)
Travel		500.00		500.00	
Information services	1,326.74	2,000.00	1,555.74	673.26	229.00
Contractual services	32,902.73	40,000.00	33,683.90	7,097.27	781.17
Professional services	5,169.33	6,000.00	4,566.98	830.67	(602.35)
Training		100.00	30.00	100.00	30.00
Community and hospitality	12,061.81	14,000.00	16,548.78	1,938.19	4,486.97
Incidental expenses	34.14	300.00	62.68	265.86	28.54
	93,287.92	**110,300.00**	**86,652.97**	**17,012.08**	**(6,634.95)**
Capital Expenditure					
Acquisition of property					
Construction	18,529.86	10,000.00	32,078.64	(8,529.86)	13,548.78
Improvements	480.85	5,000.00	1,062.00	4,519.15	581.15
Equipment	760.00	1,500.00	3,195.00	740.00	2,435.00
Special programmes/bad debt w/o	750.00	8,000.00		7,250.00	(750.00)
	20,520.71	**24,500.00**	**36,335.64**	**3,979.29**	**15,814.93**
TOTAL	**147,178.78**	**172,025.00**	**138,208.18**	**24,846.22**	**(8,970.60)**
TOTAL	**166,949.49**	**188,525.00**	**174,543.82**	**21,575.51**	**7,594.33**

5.0 Dikjarazzjoni ta’ Rikonċiljazzjoni mal-Bank

Prepared by: L-Għasri Local Council
Reconciliation Output : 5000 – **APS Current Account Għasri Sub-Post – 2015**

Closing Balance As Per Bank Statement	€3,564.49	
Less Outstanding CB 1 Payments :		
Sub Total	€2,442.70	CR
Plus Outstanding CB 1 Receipts :		
Sub Total	€0.00	DR
Reconciled Bank Balance	€1,121.79	
Computer Bank Balance As At 31/12/2015	€1,121.79	
Diff	€0.00	

------------------------------ End of Report ------------------------------

Prepared by: L-Għasri Local Council
Reconciliation Output : 5004 – **APS Current Account – 2015**

Closing Balance As Per Bank Statement	€15,495.42	
Less Outstanding CB 1 Payments :		
Sub Total	€9,519.95	CR
Plus Outstanding CB 1 Receipts :		
Sub Total	€0.00	DR
Reconciled Bank Balance	€5,975.47	
Computer Bank Balance As At 31/12/2015	€5,975.47	
Diff	€0.00	

------------------------------ End of Report ------------------------------

5.0 Dikjarazzjoni ta' Rikonċiljazzjoni mal-Bank (tkompli)

Prepared by: L-Għasri Local Council
Reconciliation Output : 5005 **- APS Savings Account – 2015**

Closing Balance As Per Bank Statement	€28,076.26	
Less Outstanding CB 3 Payments :		
Sub Total	€0.00	CR
Plus Outstanding CB 3 Receipts :		
Sub Total	€0.00	DR
Reconciled Bank Balance	€28,076.26	
Computer Bank Balance As At 31/12/2015	€28,076.26	
Diff	€0.00	

------------------------------ End of Report ------------------------------

Prepared by: L-Għasri Local Council
Reconciliation Output : 5006 **- APS Savings Account EU M125 – 2015**

Closing Balance As Per Bank Statement	€6.36	
Less Outstanding CB 3 Payments :		
Sub Total	€0.00	CR
Plus Outstanding CB 3 Receipts :		
Sub Total	€0.00	DR
Reconciled Bank Balance	€6.36	
Computer Bank Balance As At 31/12/2015	€6.36	
Diff	€0.00	

------------------------------ End of Report ------------------------------

Prepared by: L-Għasri Local Council
Reconciliation Output : 5010 **- Petty Cash Account – 2015**

Closing Balance As Per Bank Statement	€200.00	
Less Outstanding CB 5 Payments :		
Sub Total	€0.00	CR
Plus Outstanding CB 5 Receipts :		
Sub Total	€0.00	DR
Reconciled Bank Balance	€200.00	
Computer Bank Balance As At 31/12/2015	€200.00	
Diff	€0.00	

------------------------------ End of Report ------------------------------

6.0 Rapport tal-Awdituri u l-‘Financial Statements’

L-Għasri Local Council

Financial Statements

For the period

1st January, 2015 – 31st December, 2015